**320. Il-Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur jipproponi:**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi s-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti proprjetà lil Community Chest Fund b'titlu ta' ċens temporanju, il-proprjetà kif inhi deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien ta' 99 sena ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268, Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferimenti fuq imsemmija jsiru skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi:

Il-proprjetà li tinsab: Ex Sisters Quarters, Mtarfa

kif deskritt aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'titlu ta' ċens temporanju lil Community Chest Fund għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

09.07.12